MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## VINCENT GALEA

Seduta tad-19 ta' Novembru, 2014

Talba Numru. 692/2014

**Oval Brands Limited**

**Vs**

**Colin GALEA ezercenti l-kummerc taht l-isem L-Ghajn Stationery**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fit-2 ta' Ottubru, 2014** u li permezz taghha talbet lill-intimat jhallasha s-somma ta' elf disgha u tletin euro u tnejn u sittin centezmi ta' euro [€1,039.62c] u dan wara li ppremettiet hekk:

> "Il-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' elf u disgha u tletin euro u tnejn u sittin centezmu (€1039.62) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' merkanzija lilu mibjugha u konsenjata mis-socjeta attrici (kopja statement Dok. A).

Bl-ispejjez u bl-interessi mid-data tal-fattura kontra l-konvenut li minn issa hu ngunt ghas-subizzjoni".

Ra li l-intimat gie debitament notifikat fid-9 ta' Ottubru, 2014 (fol. 8) u li ma deherx ghas-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal illum.

Ra n-nota ta' riduzzjoni mressqa mis-socjeta rikorrenti llum u li permezz taghha t-Talba taghha ġiet ridotta ghas-somma ta' €595.52 u dan stante pagament akkont fil-mori tal-kawza.

Semgha lill-Avukat Dott. Claudine Pace Zarb ghan-nom tas-socjeta rikorrenti tikkonferma li l-intimat ghad fadallu jhallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' reklamata ta' hames mija hamsa u disghin euro u tnejn u hamsin ċenteżmi ta' euro (€595.52).

Ra li Dr. Pace Zarb iddikjarat li s-socjeta rikorrenti ma kellhiex provi aktar xi tressaq u talbet lit-Tribunal sabiex jghaddi ghas-sentenza a tenur tal-artikoli 9 (2) (a) u 13 (b) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta, liema talba t-Tribunal laqa'.

It-Talba ġiet posposta ghas-sentenza ghal-lum stess.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, s-socjeta rikorrenti qeghda titlob il-hlas, minghand l-intimat tas-somma ta' hames mija hamsa u disghin euro u tnejn u hamsin ċenteżmi ta' euro [€595.52] rappreżentanti bilanċ ta' prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-intimat minnha.

Ikkunsidra;

2. Dott. Pace Zarb ikkonfermat ghan-nom tas-socjeta rikorrenti llum stess li l-ammont ta' hames mija hamsa u disghin euro u tnejn u hamsin ċenteżmi ta' euro (€595.52) ghadu dovut mill-intimat.

Ikkunsidra ulterjorment;

3. Illi l-paragrafu (a) tas-sub-artikolu (2) ta' l-artikolu 9 tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi testwalment hekk:

*(2) Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (21), ġudikatur –*

(a) *Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is-smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda;*

4. Imbaghad il-paragrafu (b) ta' l-artikolu 13 tal-Kapitolu 380 jipprovdi hekk:

*Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu:*

*(b) <u>Jekk il-konvenut jonqos li jidher</u>, il-gudikatur <u>jista</u> jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-*

> *subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis.* (sottolinejar tat-Tribunal).

5. Illi minn qari ta' l-ahhar disposizzjoni hawn fuq imsemmija jirrizulta li hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxiex il-kawza jew le ghal ġurnata ohra sabiex jisma lill-intimat f'kaz li dan ma jidhirx quddiemu.

6. Fil-kaz odjern, l-intimat gie notifikat fid-9 ta' Ottubru, 2014 u baqa ma deherx ghas-seduta tal-lum miżmuma quddiem it-Tribunal.

7. Jirrizulta li t-talba tas-socjeta rikorrenti hija fondata u li ma tressqet l-ebda prova li b'xi mod turi li dak li intqal mis-socjeta rikorrenti ma ghandux mis-sewwa.

8. Illi ghalhekk, in vista tal-provi ppreżentati quddiemu, it-Tribunal ma ghandu l-ebda triq ohra hlief li jiddikjara li l-ammont mitlub mis-socjeta rikorrenti huwa dovut mill-intimat.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi jilqa t-talba tas-socjeta rikorrenti – hekk kif ridotta permezz tan-nota taghha mressqa llum stess fl-atti ta' din il-kawza – u konsegwentement jikkundanna lill-intimat ihallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' hames mija hamsa u disghin euro u tnejn u hamsin ċenteżmi ta' euro [€595.52] bl-imghaxijiet legali kif mitluba sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez kollha huma a kariku tal-intimat.

# < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------